



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9837/21

COPS 232
CIVCOM 104
POLMIL 90
CFSP/PESC 597
CSDP/PSDC 319
RELEX 564
JAI 730

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Nru. dok. preċ.:	9678/21 COPS 226 CIVCOM 101 POLMIL 87 CFSP/PESC 574 CSDP/PSDC 308 RELEX 537 JAI 710
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ tal-UE għall-Wirt Kulturali f'konflitti u kriżijiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ tal-UE għall-Wirt Kulturali f'konflitti u kriżijiet, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Ġunju 2021.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR
L-APPROĊĊ TAL-UE GĦALL-WIRT KULTURALI F'KONFLITTI U KRIZIJET**

1. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' April 2019 dwar approċċ strateġiku tal-Unjoni Ewropea (UE) għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali u jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-integrazzjoni ta' relazzjonijiet kulturali internazzjonali fil-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-UE. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-Kunċett tal-UE dwar il-wirt kulturali f'konflitti u kriżijiet, li jipprovdi kontribut importanti għat-tisħiħ tal-approċċ strateġiku tal-UE għall-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp.
2. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol tal-wirt kulturali bħala strument importanti għall-paċi, id-demokrazija u l-iżvilupp sostenibbli permezz tat-trawwim tat-tolleranza, l-fehim reċiproku, ir-rikonċiljazzjoni, id-djalogu interkulturali u interkonfessjonali, il-mitigazzjoni ta' tensjonijiet soċjali u l-prevenzjoni ta' eskalazzjoni mill-ġdid li twassal għal konflitt vjolenti. Fl-istess ħin, il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll li l-wirt kulturali jista' jiġi strumentalizzat bħala skattatur għal konflitti u kriżijiet u jkun mira fihom, u jista' jkun soġġett għal diżinformazzjoni jew manipulazzjoni tal-informazzjoni.

Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt kulturali bħala parti minn approċċ li jieħu kont tal-konflitti, matul il-fażijiet kollha tal-konflitti u l-kriżijiet. Il-protezzjoni u s-salvagwardja tal-wirt kulturali, kif ukoll il-promozzjoni tar-rispett għad-diversità kulturali, huma fundamentali għall-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u għall-ġenerazzjoni ta' djalogu u inklużjoni pożittivi. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-konklużjonijiet tiegħu tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar il-Medjazzjoni għall-Paċi tal-UE u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-wirt kulturali bħala punt ta' dħul għall-medjazzjoni.

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-involviment fil-wirt kulturali, inkluż il-protezzjoni u l-preservazzjoni tiegħu, wara konflitt jew kriżi jgħin jipproteġi l-identitajiet għall-individwi u l-komunitajiet, filwaqt li jservi ta' bażi għal irkupru sostenibbli u paċi dejjiema, u għaldaqstant jikkontribwixxi għar-reżiljenza ġenerali tas-soċjetajiet. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jinsisti fuq l-importanza tal-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali relatati mal-wirt kulturali u jinkoraġġixxi approċċ u azzjonijiet konkreti mmirati lejn it-tisħiħ ta' żvilupp inklużiv u sostenibbli, inkluż f'termini ta' opportunitajiet ta' impjieġ għall-komunitajiet lokali. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza ta' turiżmu kulturali sostenibbli għall-appoġġ tal-għajxien ekonomiku u l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieġ.
4. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sjieda lokali u l-ħtieġa li l-bżonnijiet u l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet lokali jitpoġġew fil-qalba tal-isforzi meta l-pajjiżi sħab jingħataw appoġġ biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-wirt kulturali. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni meta jkun hemm involviment fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam, inkluż il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kuxjenza dwar bażijiet ta' data eżistenti relatati mal-wirt kulturali f'riskju. Huwa jinkoraġġixxi l-użu ta' għodod u teknoloġiji diġitali avvanzati biex jiġi rreġistrat, iddokumentat u ppreservat il-wirt kulturali.
5. Il-Kunsill jafferma l-importanza li jkun hemm involviment b'rabta mal-wirt intanġibbli bħala mod biex jinbena fehim komuni, b'mod partikolari bit-tisħiħ tad-djalogu interkulturali u interkonfessjonali u bl-iżgurar tat-trażmissjoni ta' tradizzjonijiet u għarfien. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2003 għall-Ħarsien tal-Patrimonju Kulturali Intanġibbli u jenfasizza l-komplementarjetà u l-interkonnessjonijiet li jistgħu jeżistu bejn il-wirt intanġibbli u dak tanġibbli. Barra minn hekk, il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu appoġġati miżuri li għandhom l-għan li jtaffu l-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima fuq il-wirt naturali u kulturali.
6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-approċċ tal-UE bbażat fuq il-valuri meta tinvolvi ruħha fil-protezzjoni tal-wirt kulturali f'konflitti u kriżijiet. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi adottat approċċ li jieħu kont tal-konflitti u li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara". Huwa jilqa' l-kontribut pożittiv li l-kunċett tal-UE jista' jagħmel għar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni billi jappoġġa sforzi li għandhom l-għan li jipproteġu u jwaqqfu l-qerda tal-wirt kulturali.

7. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE għall-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS) u jinnota l-kontribut tal-kunċett tal-UE dwar il-wirt kulturali għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika tal-UE dwar l-aġenda dwar id-WPS, inkluż l-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-WPS. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza ta' approċċ inklużiv, ugwali u nondiskriminatorju meta jkun hemm involviment b'rabta mal-wirt kulturali f'konflitti u kriżijiet, speċjalment f'aspetti relatati mal-ġeneru, iż-żgħażaġh, il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, it-twemmin u l-komunitajiet reliġjużi, u l-popli indiġeni.
8. Il-Kunsill jenfasizza l-impenn tal-UE li tiddefendi u ssaħħa l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli biex jiġi protett u ssalvagwardjat il-wirt kulturali, bin-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-qalba tiegħu, u li tiżgura multilateraliżmu effettiv ibbażat fuq ir-rispett għan-normi u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, id-dritt umanitarju internazzjonali, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-aspett tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' din il-kwistjoni, skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar "Drittijiet kulturali u l-protezzjoni tal-wirt kulturali".

Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza tat-tisħiħ tas-sħubiji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) u l-Kunsill tal-Ewropa (KtE), organizzazzjonijiet reġjonali, kif ukoll organizzazzjonijiet intergovernattivi u mhux governattivi rilevanti, biex jiġi protett u ssalvagwardjat il-wirt kulturali.

9. Il-Kunsill jappella biex il-protezzjoni u s-salvagwardja tal-wirt kulturali jiġu enfasizzati fid-dokumenti strateġiċi u ta' programmar rilevanti u integrati fil-ħidma tal-Kunsill fi ħdan il-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni.

10. Il-Kunsill ifakkar li l-approċċ tal-UE għall-wirt kulturali f'konflitti u kriżijiet jagħmel parti mill-Approċċ Integrat tal-UE għal Konflitti u Kriżijiet Esterni, li fi ħdanu huwa jagħmel parti minn rispons politikament u operazzjonalment koerenti tal-UE fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza tal-koordinazzjoni bejn l-istrumenti u l-inizjattivi rispettivi tal-Istati Membri biex tittejjeb l-abilità li jingħata rispons rapidu b'rabta mal-protezzjoni tal-wirt kulturali u l-prevenzjoni tal-qerda tiegħu matul u wara kriżijiet b'objettiv ta' stabilizzazzjoni u paċi.

Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li l-protezzjoni tal-wirt kulturali tiġi integrata fid-dimensjonijiet rilevanti kollha tas-sett ta' għodod tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet, inkluż fil-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), kif ukoll f'oqsma oħra tal-azzjoni esterna tal-UE u fi strumenti finanzjarji adatti, inkluż l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali.

11. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tal-kontribut li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK jistgħu jagħtu, b'rispett sħiħ tal-mandati prinċipali tagħhom, biex jindirizzaw l-isfidi relatati mas-sigurtà marbuta mal-preservazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt kulturali.

F'dak ir-rigward u f'konformità mal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill jistenna b'interess minikunċett iddedikat biex jiġu esplorati possibbiltajiet għall-iżvilupp tal-isforzi tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK, fejn adatt, f'dan il-qasam, pereżempju permezz ta' programmi possibbli ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet jew attivitajiet ta' taħriġ.

12. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2020 dwar l-Azzjoni Esterna tal-UE dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti. Huwa jenfasizza li l-iskavar, is-sakkeġġ u t-traffikar illegali tal-wirt kulturali huma marbuta ma' theddid serju għas-sigurtà, peress li jipprovdu mezzi ta' finanzjament għal attivitajiet kriminali organizzati u terroristiċi. Huma għandhom ukoll impatt soċjokulturali, peress li huma għodda politika għall-indeboliment tal-komunitajiet u l-identitajiet. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza li tissaħħaħ b'mod urġenti l-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' proprjetà kulturali u l-ġlieda kontra t-terroriżmu anke abbażi ta' oqfsa legali internazzjonali eżistenti, bħal strumenti legali rilevanti tan-NU, tal-KtE u strumenti simili oħra, fejn applikabbli. Huwa jappella għal aktar kooperazzjoni u sinerġiji mal-atturi tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Huwa jistenna b'interess li l-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni dwar it-traffikar ta' oġġetti kulturali kif propost fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025, ippubblikata fit-13 ta' April 2021, u jinsisti fuq l-importanza li jiġu indirizzati kemm id-dimensjoni interna kif ukoll dik esterna tas-suġġett.
13. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kollaborazzjoni bejn il-Ministeri rilevanti, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra, inkluż is-soċjetà ċivili, id-dinja akkademika, kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali, intergovernattivi u mhux governattivi rilevanti. Huwa jenfasizza l-importanza, fost il-partijiet ikkonċernati kollha tal-UE, li jinġabru u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki dwar l-inizjattivi tal-wirt kulturali żviluppati f'kuntesti ta' konflitti, ta' kriżi u ta' wara konflitt.
14. Il-Kunsill jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), flimkien mal-Kummissjoni u l-Aġenziji u l-korpi rilevanti kollha tal-UE, biex jiskambja l-aħjar prattiki u jiżviluppa għarfien espert immirat lejn l-integrazzjoni tal-wirt kulturali u l-protezzjoni tiegħu fil-Prevenzjoni ta' Konflitti u l-Maniġġar ta' Kriżijiet. Il-Kunsill jistieden ukoll lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex jirrapportaw lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, fi żmien sena u fuq bażi regolari dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri proposti u tal-elementi ewlenin stipulati fil-Kunċett.